SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 22/K9/20

Data tal-laqgħa: 01 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Daniel Galea – Accountant tal-Kunsill

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

22.1.01 Ma kienx hemm qari ta' ittri ta' apoloġija.

**22.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 21/K9/20 għall-approvazzjoni.

22.2.02 Il-Kunsillier John Agius talab li ssir korrezzjoni 21.2.06 hu ma kienx qiegħed jagħmel referenza għall-bankijiet tal-Balluta iżda kien qiegħed jagħmel referenza għall-bankijiet ta' ħdejn il-Club tal-WaterPolo ta' San Ġiljan.

22.2.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir korrezzjoni minħabba li l-isem għandu jkun Stephen Gauci u mhux Stephen biss.

22.2.04 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni ta' Minuti 21/K9/20.

22.2.05 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaha fl-approvazzjoni tagħhom.

22.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

22.2.07 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul għamel referenza għal 21.2.10 u staqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir mar-residenti ta' Triq Diodorus Siculus. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li tissejaħ din il-laqgħa.

22.2.08 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul għamel referenza għall 21.6.15.01 u staqsa jekk kellniex risposta min-naħa tal-Avukat. Is-Segretarju infurmaħ li kien għadda l-informazzjoni lill-Avukat pero għad m'għandux risposta.

22.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli ikkonferma li t-tabella tal-one way fi Triq Gort twaħħlet. Staqsa jekk il-mirja ta' Triq il-Karmnu k/m Triq il-Kbira twaħħlitx. Is-Segretarju nfurmaħ li din ġiet ordnata. Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa jekk hemmx deċiżjoni tal-qorti mal-kantuniera ta' dar fi Triq il-Karmnu. Għamel referenza wkoll għall-21.6.12.01 dwar il-mawra fi Sqallija, huwa ta spjegazzjoni għaliex id-delegazzjoni li kellha titla' ma telatx minħabba il-kwistjoni tal-covid-19. Huwa qal li waqt li d-delegazzjoni mill-Kunsill Lokali ta'

Valletta telgħet, kien hemm ftehim bejnithom sabiex group minn Piazza Armerina jiġi Malta f'Marzu 2021. Huwa qal li għandna jew ntelgħu attivita' waqt li jkunu Malta jew inkella nerġgħu nistidnihuhom biex jiġu Malta għall-attivita' bejn Mejju u Ġunju 2021. Il-Kunsill qabel li għandha ssir diskussjoni f'waħda mill-laqgħat li jmiss.

22.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar ir-resurfacing ta' Triq l-Arċisqof Romero u Triq Hans Stumme huwa ġie nfurmat li għandna kwotazzjoni għal Triq l-Arċisqof Romero u ser titressaq iktar tard filwaqt li għal Triq Hans Stumme ser ikunu qed nerġu nkelmu l-Perit.

22.2.11 F'dan l-istadju, ġiet sospiża l-Aġenda għaliex ingħaqad fil-laqgħa, is-Sur Daniel Galea l-Accountant tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss item 22.5 dwar ir-risposta għall-management letter.

## 22.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

22.3.01 Iċ-Ċermen tkellem dwar l-issue dwar il-ġbir tal-flixken minħabba li kienet ħarġet istruzzjoni mill-WasteServ biex dawn jinħarġu biss fil-konteniturі tal-plastic. Is-Segretarju kien tkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jibda jintuża truck bis-seperator u għalhekk il-flixkien ikunu jistgħu jinħarġu fil-kaxxi tal-kartun pero' minkejja li WasteServ aċċettat din il-proposta, l-green pak baqgħu jinsistu li dan mhux possibli. Kienu qed isiru diskussjonijiet min-naħa tal-AKL dwar din il-problema. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li minkejja li dak li qed jinsistu l-GreenPak aħna ser nibqu nimxu kif konna nagħmlu dejjem jiġifieri niġbru l-fliexken anke' dawk li qegħdin fil-kaxxi tal-kartun dan sabiex nevitaw li jkun hemm depożitati barra numru ta' container tal-plastic għall-diversi ħin.

22.3.02 Is-Sindku ta informazzjoni dwar żvillupp kbir li ser isir fejn kien hemm il-kumpless The Palms. Huwa qal li reġet infetħet l-applikazzjoni li kienet sottomessa fit-2017 pero' ġie eskluż l-bżonn li jkun hemm *Environmental Impact Assessment*. Għalhekk kien qiegħed jissuġġerixi li ndaħħlu oġġezzjoni minħabba dan il-fatt. Saret diskussjoni fejn issemiet ukoll li nagħmlu laqgħa mar-residenti, li nibagħtu l-informazzjoni lin-nies ta' l-akwati kif ukoll li niġbru petizzjoni min-naħa tan-nies. Filwaqt li f'dan l-istadju ma ġie eskluż xejn, kien hemm qbil li nissottometu l-oġġezzjoni tagħna.

22.3.03 Is-Sindku nforma li kienet ġiet imsejħa laqgħa mal-Kumissarju tal-Pulizija fejn kienu mistiedna biss numru ta' sindki, huwa qal li waqt din il-laqgħa ser isemmi l-bżonn ta' community policing.

22.3.04 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kien hemm laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu, is-Sur Phillip Fenech u l-Cleansing Department dwar it-tindif u l-ġbir ta' l-iskart ġewwa Paceville. Huwa qal li kien intlaħħaq ftehim sabiex l-Cleansing Department jibda jieħu ħsieb hu l-ġbir ta' l-iskart kemm tar-residenti kif ukoll tal-istabbilimenti, ikun hemm ħin filgħodu fejn dan isir. Is-Segretarju xtaq jiċċara li huwa ma kienx preżenti li huwa ma kienx preżenti għal din il-laqgħa u mhux qed jaqbel ma din id-deċiżjoni għaliex hemm konsegwenzi legali kif ukoll li din il-proposta tinkludi fiha wkoll tittiehed l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jirċievi għall-Paceville.

22.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Franco Naudi – Active Enterprises sabiex niddiskutu miegħu dwar il-u-shapped barriers. Il-Kunsillier John Agius staqsa liċ-Ċermen għaliex kienu qed jerġu jeħlu barriers fi Triq Ġorġ Borġ Olivier u fi Triq San Ġorġ (fejn kien hemm il-bus shelter). Iċ-Ċermen infurmaħ li huwa kien qiegħed jikkuntatja mas-Sur Naudi li dawk il-barriers twaħħlu għaliex jevitaw li n-nies jaqsmu t-triq. Wara diskussjoni kien hemm qbil li f'waħda mill-laqgħat li jmiss issir diskussjoni jekk għadniex nneħħu dawn il-barriers.

**Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

22.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa fuq l-irrigation system tal-front tal-promenade. Is-Segretarju nfurmah li din is-sistema qed jieħdu ħsieba l-MTA u huwa nfurmat li din qed taħdem.

22.4.02 Il-Kunsillier Guido Dalli nforma lill-Kunsill dwar l-ilma li jkun nieżel minn Triq Mikielanġ Borġ. Jidher li din il-problema ġejja miċ-chillers tal-Park Towers. Huwa ppropona wkoll li nerġu nwaħħlu l-ashtrays madwar il-promenade.

22.4.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar iz-zebra crossing li hemm fi Triq Birkirkara quddiem St. Julian's Court. Din għanda tinżebagħ għax ċara. Huwa staqsa dwar parking bay tad-disabled għaliex ġie personalizzata fi Triq ta' Ġiorni, s-Segretarju nfurmah li din hija deċiżjoni min-naħa tat-Transport Malta.

22.4.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jsir patching works fi Triq Lapsi. Is-Segretarju nfurmah li din it-triq hija parti mill-programm biex isir resurfacing ta' dik il-parti tat-triq kollha.

22.4.05 Inġibdet l-attenzjoni li hemm 2 motor cycle bays fi Triq Lapsi ħdejn il-Merħba

**22.5 Risposta għall-Management Letter;**

22.5.01 Is-Sur Galea flimkien mas-Segretarju spjegaw il-proposta għar-risposta tal-ittra tal-awdituri dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill (Management Letter).

22.5.02 Wara diskussjoni dwar punti li kienu imqajmin mill-awdituri fuq ir-rapport finanzjarju speċjalment fejn jirrigwardja deficit li kien hemm matul is-sena dovut għall-spejjez fuq infieq kapitali dwar deskrepanza fuq l-estimi finanzjarji u punti oħra. Kien hemm qbil fuq il-proposta kif inhi ppreżentata mis-Segretarju.

22.5.03 L-Accountant ġie skużat mill-laqgħa sabiex titkompla l-aġenda.

**22.6 Sustainable Mobility Week;**

22.6.01 Il-Kunsill iddeċieda li ser ikun qiegħed jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul. U nerġu napplikaw għal mobile unit tat-trasport li jaħdem bl-elettriku.

**22.7 Talbiet żgħar;**

**22.7.01 Email dwar ta' Ta' Giorni pitch (Inc. 14311/20)**

22.7.01.01 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jiltaqa' miegħu biex jara l-proposta kollha b'dan iżda ma jikkomettix ruħhu għaliex l-konċezzjoni trid issir b'sejħa pubblika.

**22.7.02 Emails dwar Triq l-Arcisqof Romero (Inc. 14188 & 14125/20);**

22.7.02.01 Is-Segretarju ppreżenta l-kwotazzjoni mibgħuta mingħand il-Perit li kienet tammonta għall-€41,925. Kien hemm qbil li nippruvaw nikkuntatjaw lill-Infrastructure Malta min-naħa tagħhom.

**22.7.03 Email dwar Marriott Surface Car Park Balluta (Inc. 14348/20);**

22.7.03.01 Ġejna mgħottija proposta sabiex jingħata prezz speċjali għall-parkeġġ tal-Marriot Hotel. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nibagħatu l-proposta u noffruha lir-residenti tal-akwati.

**22.7.04 Korrispondenza dwar il-ġbir tal-ħġieġ (Inc. 14053, 14169, 14314)**

22.7.04.01 Din diġà ġiet diskussa qabel.

**22.7.05 Korrispondenza dwar applikazzjoni ghal skip (Inc. 14102/20 & 14133/20);**

22.7.05.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li dan jpoġġi skip, filwaqt li fir-rigward l-unloading bay

**22.7.06 Korrispondenza dwar Free opportunity for Local Council to get Green Solar Roof (Inc. 14033/20);**

22.7.06.01 Kien hemm qbil li niltaqaw magħhom.

**22.7.07 Korrispondenza dwar Anzjanita' Attiva '20 (Inc. 13978/20);**

22.7.07.01 Il-Kunsill iddeċida li ma jieħux sehem.

**22.7.08 Email dwar free wifi (Inc. 14059/20);**

22.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' magħhom.

**22.7.09 Email dwar Skema Finanzjarja 6 2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali (Inc. 13906/20);**

22.7.09.01 Il-Kunsill qiegħed jiġbor il-kwotazzjonijiet għal din l-iskema.

**22.7.10 Email dwar Children's programm (Inc. 14166/20)**

22.7.10.01 L-Kunsill iddeċieda li mhux ser jipparteċipa.

**22.7.11 Ċirk – AKL 2020/094 – Illum ma' Steph – Stedini lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali (Inc. 14201/20);**

22.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa u ser ikun qiegħed jieħu sehem is-Sindku.

**22.7.12 Email dwar Ċirk AKL 2020/089 Entente Florale Europe (Inc. 14254 & Inc 14291/20)**

22.7.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Sean Gauci.

**22.7.13 Emails dwar talba għall-unloading (Inc. 14261/20 & 14267/20)**

22.7.13.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex issir unloading bay.

**22.7.14 Emails dwar Planning Application – Xatt is-Sajjieda (Inc. 14273/20 & 14288/20);**

22.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiltaqa' magħhom is-Sindku.

**22.7.15 Email dwar Project Aegle Foundation Invitation to Collaborate (Inc. 14276/20);**

22.7.15.01 Din ġiet diskussa qabel fl-aġenda.

**22.7.16 Email dwar Saving our blue clean ups – St. Julian's Local Council (Inc. 14286/20);**

22.7.16.01 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir u nsaqsuhom jekk nistgħux ngħinuhom f' xi ħaġa aħna.

**22.7.17 Korrispondenza dwar European Social Fund under Operational Programme II (2014 – 2020) (Inc. 14327/20);**

22.7.17.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li ma japplikax.

**22.7.18 Email dwar free online ecdl standard courses for FREE in your community (Inc. 14353/20);**

22.7.18.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li ma japplikax.

**22.7.19 Email dwar Bye Laws (Inc. 14369/20);**

22.7.19.01 Iċ-Ċermen tkellem mas-Sur Mario Fava, fejn min-naħa tas-Sur Fava ser ikun qiegħed jkellem lid-Direttur Ġenerali. Is-Segretarju staqsa jekk għandniex noħorġu l-invoices ta' bejn Lulju u Diċembru 2020 bil-prezz l-antik. Il-Kunsill qabel li għalissa m'għandux joħroġ kontijiet.

**22.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

22.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5187 sa 5213. (Ara Appendiċi 'A')

22.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**22.7 Skeda tal-Pagamenti**

22.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

22.7.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

22.7.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

**22.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

22.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020 fil-5.00p.m.

22.8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 13 ta' Ottubru 2020